**Tislima minn qalbi għalik**

Meta smajt li ħallejtna
Hekk, malajr nibtet fija,
Dieqa li ħabib telaq
Biex jissokta dik trieqtu.
Li ħadietu fis-sema
Fejn kull talba tinstema.

Niftakrek ħabib għażiż
Meta konna niltaqgħu,
Il-ferħ kien iħaddanna
Ta' Kristu li hu magħna.
Bis-sempliċità tiegħek
Kullimkien ħaddtu miegħek.

X'ħelsien kellek fik ħija
Kemm ma kontx ikkumplikat.
Min ikellmek jitfarraġ
Ma jħossux iġġudikat.

U dik qalbek ħanina
Lejn min hu ħafna fil-bżonn,
Għamlitek karittativ
Ħaddimt tassew l-aqwa don.

Ħabib, spazju krejattiv
Int ħloqt fejn ħadek Ġesù,
Għax f'idu l-aħħar kelma
Hu biss jagħrafha l-virtù.

Mal-medda tal-istorja
Li tibqa' tfaħħrek w tibkik,
Malta ħa tibqa' tħobbok
Iż-Żurrieq kemm isemmik!

Strieħ f'dirgħajn l-Omm Marija
Li l-wisq maħbub binha int,
Tinfetaħ għalik 's-sema
Qassis umli, iċċekkint.

Għalhekk f'qalbi nibqa' inġorrok
Qalbi tfaħħrek u tifraħ bik,
Niżik ħajr kemm ħabbejt f'ħajtek
Tislima minn qalbi għalik.

Patri Mario Attard OFM Cap

15 ta’ Mejju 2024

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.